




## *L-immigranti tas-sekli 16 u 17- Min kienu n-nies u x-xogħolijiet kienu jagħmlu?*

*Alistair-Paul Borġ B.A. (Hons.), M.A.*

Ċert li meta nitkellmu dwar l-immigrazzjoni f'pajjiżna l-ewwel ma jiġuna f'moħħna huma dawk il-ħafna klandestini jew immigranti irregolari li jinsabu fostna b'mod mill-aktar sfortunat. Tassew li l-immigrant nimmaġinawh bħala individwu Afrikan jew Għarbi, għal kollox differenti mill-Maltin li bit-tama ta' ħajja aħjar u mingħajr biża' jkun ħarab mill-oppressjoni u l-faqar ta' pajjiżu u sab ruħu fil-Gżejjer Maltin. Dawn l-immigranti bir-raġun iqanqlu ħafna emozzjonijiet fost il-Maltin tal-lum pero' żgur li l-fenomenu ta' l-immigrazzjoni mhux ġdid għall-Gżejjer tagħna.

Is-sekli sittax u sbatax infatti jistgħu jitqiesu bħala żmien meta l-immigrazzjoni lejn Malta kienet qawwija ferm. L-immigranti dak iż-żmien ma kinux Afrikani jew Għarab u ma kinux jitqiesu bħala irregolari, anzi ħafna drabi kien l-Ordni ta' San Ġwann stess li nkoraġġixxa biex jiġu fostna, l-aktar waqt il-bini tal-Belt Valletta. Tista' tgħid li l-biċċa l-kbira tagħhom kienu Sqallin, Taljani, Franċiżi u Griegi pero' wieħed isib ukoll numru konsiderevoli li ġew minn Spanja, it-territorji Olandiżi u anke' l-Ingilterra. Intant, mid-dokumenti tal-Kurja magħrufa bħala l-*Istatus Liberi* naraw li bejn l-1579 u l-1642 total ta' 1760 barrani resqu quddiem l-awtoritajiet tal-Knisja sabiex jagħtu prova li ma kinux miżżewġin u għalhekk ikunu jistgħu jiżżewġu u jissetiljaw f'Malta. Dan it-total huwa tassew konsiderevoli, l-aktar meta wieħed iqis li dan l-ammont jinkludi biss il-barranin li riedu jiżżewġu f'Malta; barranin oħra ġew fostna diġà miżżewġin jew mingħajr il-ħsieb li jiżżewġu iżda dawn ma jissemmewx fl-*Istatus Liberi*.

Iżda, hawnhekk wieħed jistaqsi; x'kien li ġibed tant immigranti lejn Malta f'dawn iż-żminijiet? X'opportunitajiet ta' xogħol kien hawn fil-pajjiż u għalfejn dawn il-barranin għażlu lill-Malta? Qabel jiġu mwieġba dawn il-mistoqsijiet tajjeb nikkumentaw fil-qosor fuq il-funzjoni u l-ħidma ta' l-Ordni ta' San Ġwann f'pajjiżna. Hekk kif il-Kavallieri ġew Malta fl-1530 huma mill-ewwel taw x'jifhmu li l-ħajja u l-interessi tagħhom kienu marbuta mal-baħar u għalhekk, fost affarijiet oħra, għażlu l-Birgu bħala s-sede prinċipali tagħhom u mhux l-Imdina. Din l-importanza lejn il-port u l-attivitajiet kummerċjali tal-baħar komplew urewha wara l-1565 bil-bini tal-Belt Valletta fejn il-Kavallieri prinċipalment kellhom f'moħħhom sede aktar komda u attrezzata minn fejn setgħu jamministraw il-kummerċ u l-industrija tal-*corso*. Tassew li l-piraterija organizzata kienet attività prinċipali għall-Ordni f'dan il-perjodu u bis-saħħa tagħha ħafna Maltin u barranin sabu xogħolijiet varji fuq ħafna bastimenti kemm tal-Kavallieri kif ukoll oħrajn privati. Għall-Kavallieri barra minn hekk il-*corso* serva bħala mezz ta' kif titkompla l-kruċjata eterna kontra t-Torok u l-Misilmin anke' jekk kien hemm okkażjonijiet meta mhux dawn biss sfaw fil-mira tagħhom! Intant bis-saħħa tal-bini tal-Belt Valletta u l-ħafna l-fortifikazzjonijiet u swar li l-Ordni beda jibni minn żmien għall-ieħor tista' tgħid li l-industrija tal-kostruzzjoni ukoll kienet dejjem attiva f'dawn iż-żminijiet u għalhekk ħafna Maltin u barranin sabu xogħolijiet f'dan il-qasam.

Semmejna li bejn 1578 u l-1642 total ta' 1760 barrani emigraw lejn pajjiżna. Minn dawn 1047 stqarrew x'kien ix-xogħol tagħhom waqt li kienu qed jixhdu quddiem l-awtoritajiet tal-Knisja.

Kif kien mistenni ħafna minnhom kellhom xogħol li b'xi mod jew ieħor inħoloq bis-saħħa ta' l-attività ekonomika ġġenerata mill-Kavillieri madwar il-port. B'hekk naraw li kważi 75% kienu qed iwettqu xogħol fil-qasam marittimu, l-biċċa l-kbira bħala baħrin, baħħara jew kursara fuq il-bastimenti ta' l-Ordni. It-tieni l-akbar grupp, 11% stqarrew li kienu arrwolati fis-servizz militari anke' jekk ħafna minnhom xorta kienu qed iservu fuq l-iġfna ta' l-Ordni. Fuq laqta differenti naraw li t-tielet grupp kienu nies tas-snajja li għażlu l-Malta bħala l-post ideali fejn jipprattikaw is-sengħa partikolari tagħhom. Hafna minn dawn l-individwi, li b'kollox jammontaw għal 88, sabu residenza u anke' stabbilew ix-xogħol tagħhom f'waħda mill-ibliet ta' madwar il-port fejn bis-saħħa ta' l-attività ekonomika li kien hemm f'dawn il-postijiet, ix-xogħol tagħhom kien ikun aktar mitlub u meħtieġ.

*Xogħolijiet fuq bastimenti*

Ngħaddu issa biex naraw fid-dettal x'kienu x-xogħolijiet fil-qasam marittimu li ġibdu tant barranin lejn pajjiżna. Dawn il-barranin qabel xejn min kienu eżatt? Hafna minnhom kienu żgħażagħ ta' bejn l-20 u t-28 sena li ħallew art twelidhom ta' età żgħira sabiex ifittxu fortuna aħjar f'postijiet imbegħda. Ma kinux xi nies edukati ħafna u għalhekk mhux ta' b'xejn li l-maġġoranza tagħhom spiċċaw jagħmlu xogħolijiet ta' natura umli, ngħidu aħna bħal *baħrin* u *baħħara* komuni. Dawn iż-żewġ xogħolijiet, filfatt huma l-aktar li niltaqgħu magħhom fid-dokumentazzjoni ta' l-*Istatus Liberi* segwiti mill-*kursara* u l-*bonavolji*. Ferm interessanti dawn ta' l-aħħar kienu qaddiefa volontarji li għażlu huma stess biex jagħmlu dan ix-xogħol fatikuż u degradanti bl-iskop li jħallsu d-djun tagħhom. Qaddiefa oħra fuq il-bastimenti kienu l-ilsiera u l-ħabsin, dawn ta' l-aħħar magħrufa bħala *forzati sopra galere*, u għalhekk wieħed jista' jimmaġina kemm kienu ddisprati għax-xogħol dawk li għażlu li jaħdmu bħala bonavolji fuq ix-xwieni. Intant mid-dokumentazzjoni nsibu wkoll numru żgħir ta' immigranti li kienu qaddiefa ħabsin. Kuntrarju għall-bonavolji dawn ma kellhom ebda drittijiet fuq il-baħar u għalhekk, l-istess bħall-ilsiera, kienu jintrabtu bil-ktajjen u jitqaxxrilhom xagħarhom u l-mustaċċi. Nistgħu ngħidu li dawn l-immigranti ħabsin żgur li kellhom sentenzi twal hekk kif dawk b'sentenza qasira ma kinux jintbagħtu bħala qaddiefa.

Semmejna li l-maġġoranza ta' l-immigranti li ħadmu fuq ix-xwieni u l-galeri ta' l-Ordni kellhom xogħolijiet umli; biss insibu wkoll każi iżolati fejn ix-xogħol kien ikun aktar importanti u ta' ċertu pożizzjoni. Insemmu per eżempju *in-nawċieri*, il-*kaptana*, *il-konsulenti*, *l-argużin*, *ir-remolaro*, *il-komet, il-viċi-komet, l-iskaplu* u oħrajn. X'kien eżatt ix-xogħol ta' dawn il-persuni? In-*nawċier* kien dak li ġeneralment jieħu ħsieb il-vapur inkluż iċ-ċurma u l-merkanzija. Il-*konsulenti* kienu baħħara esperti mqabbda biex jgħinu lill-*kaptana* fin-navigazzjoni u t-tmexxija tal-bastiment. L-*argużin* kien jissorvelja x-xogħol tal-qaddiefa bl-użu tas-suffara u l-frosta fil-waqt li r-*remolaro* kien jieħu ħsieb il-manutenzjoni ta' l-imqadef. Il-*komet* u l-*viċi-komet*, l-istess bħan-nawċieri kienu jieħdu ħsieb iċ-ċurma, il-merkanzija, il-qlugħ u l-buq filwaqt li l-*iskaplu* kien bniedem imħarreġ fl-użu ta' armi żgħar. Fl-aħħarnett insibu wkoll immigranti li x-xogħol tagħhom fuq il-bastimenti kien dak ta' mużiċisti: *tamburo*, *trombettieri* u *suonatori di ciarmelli*. Jidher li dan ta' l-aħħar kien strument tan-nifs magħmul mill-ġilda u bi tliet tubi. L-użu tiegħu kien popolari ferm fuq il-bastimenti ta' l-Ordni f'dawn iż-żminijiet.

*Xogħolijiet fil-Kamp Militari*

Diġà għidna li ħafna mill-immigranti indikati bħala suldati jew f'xi gradi oħra militari kienu qed jaqdu dmirhom fuq bastimenti ta' l-Ordni jew fuq iġfna oħra privati li wkoll kienu jerħulha għall-avventura tal-*corso*. Bla dubju li l-ħajja fuq il-baħar kienet waħda perikoluża anke' għall-vapuri merkantili u għalhekk il-preżenza ta' nies imħarrġa militarment kienet essenzjali fuq kull biċċa tal-baħar. Irridu niftakru li jekk bastiment Malti kien jinqabad minn ġifen Tork jew Mislem, l-ekwipaġġ kollu kien jispiċċa ilsir f'xi waħda mill-ibliet tal-Lvant jew tal-Barbarja.

Insibu li minn total ta' 109 immigrant indikat bħala suldat, 76 ħadmu fuq il-baħar fil-waqt li sittax biss taw sehemhom fuq l-art. Wisq probabbli dawn ta' l-aħħar kienu nvoluti f'xi waħda mill-ħafna kampanji militari li seħħew fl- wropa f'dawn iż-żminijiet. Biss l-istess bħall-baħħara,

il-maġġoranza ta' l-immigranti militari kienu jokkupaw gradi inferjuri. Ftit li xejn insibu *bumbardiera* u *surġenti* per eżempju u wieħed biss kellu l-kariga ta' *kap tal-bumbardiera*. Jista' jkun li r-raġuni għal dan kienet li l-biċċa l-kbira tal-barranin li jidhru fl-*Istatus Liberi* huma żgħażagħ fil-bidu tal-karrieri tagħhom fil-waqt li karigi ogħla kienu jkunu okkupati minn persuni aktar maturi u ta' età kbira.

*Barranin tas-sengħa*

Jekk l-immigranti baħħara u militari nġibdu lejn Malta minħabba l-industrija tal-*corso* u l-attività kontinwa fuq il-baħar, l-immigranti tas-sengħa għażlu l-Malta bis-saħħa ta' l-attività ekonomika li l-Ordni ġġenera fl-ibliet ta' madwar il-port, il-Belt Valletta, il-Birgu, l-Isla u Bormla. Dan ma jfissirx li nies tas-sengħa ma ħadmux ukoll fuq il-bastimenti ta' l-Ordni. Anzi insibu numru mhux ħażin minnhom li per eżempju kienu *mastrudaxxi* jew *qalfata* fuq il-vapuri u għalhekk taw is-servizz tagħhom biex isewwu l-bastimenti wara xi battalja jew maltempata. Oħrajn ħadmu bħala *kirurġiċi*, *barbiera-kirurġiċi* u anke' *koki*. Dawn ta' l-aħħar kienu jsajru u jippreparaw l-ikel, l-aktar ikliet sħan, pero' meta dan kien jiskarsa huma kienu jippreparaw gallettini iebsa, ġobon, sardin, żejt, ħall u nbid. Il-kirurġiċi u l-barbiera-kirurġiċi mill-banda l-oħra kienu meħtieġa sabiex idewwu u jagħmlu operazzjonijiet fuq individwi wara l-battalji.

Biss kif diġà semmejna, il-maġġoranza ta' l-immigranti tas-sengħa ppratikaw s-sengħa tagħhom fuq l-art. Xi kultant ix-xogħol tagħhom xorta kien ikun relatat mal-qasam marittimu bħal ma kien dak tal-*kurdara* li l-ħbula tagħhom kienu jintużaw ħafna fuq il-bastimenti. Snajja oħra ffjorixxew bis-saħħa ta' l-industrija tal-kostruzzjoni u hawn insemmu *l-bennejja* fil-waqt li l-preżenza ta' ħafna kavallieri sinjuri fl-ibliet wasslet biex ikun hawn suq għal snajja raffinati bħal ma kienu *l-artisti* u l-*arġentiera* tad-deheb u l-fidda. Fuq kollox pero' ħafna mis-snajja ffjorixxew bis-saħħa tal-ħtiġiet inġenerali tal-ħajja ta' l-ibliet. Insemmu hawnhekk lill-*iskarpana*, *il-ħajjata*, *il-barbiera*, *il-buttara*, *l-ispiżjara* u x'naf jien. Numru ta' immigranti mill-banda l-oħra stqarrew li kienu jipprattikaw is-sengħa tagħhom f'xi ħanut tax-xogħol ta' xi *Maestro*, '*in bottega di tessitore*' jew '*in bottega di buttaro*'. Dan ifisser li f'dawn iż-żminijiet ċertu nies tas-sengħa, aktar sinjuri minn oħrajn, kienu diġà waqqfu ħwienet tax-xogħol jew industriji żgħar li fihom kienu jimpjegaw numru ta' ħaddiema tas-sengħa.

*Xogħolijiet oħra mwettqa mill-immigranti*

Minn total ta' 1047 immigrant li nafu l-ħidma tagħhom, huma 67 biss li xogħolhom ma kellux x'jaqsam mal-qasam marittimu, is-servizz militari jew is-snajja. Ix-xogħol ta' dawn is-67 madankollu xorta jista' jitqies bħala relatat mal-preżenza ta' l-Ordni fostna, bħal ma kien, per eżempju, dak tal-*qaddejja* li ħafna drabi kienu jservu lill-kavallieri u jkunu ilhom f'dan il-mestier sa minn tfulithom. Minbarra dawn insibu żewġ barranin li wettqu xogħol amministrattiv fl-istrutturi ta' l-Ordni, wieħed bħala *skrivan* tat-Teżorerija u l-ieħor bħala *segretarju* tal-kavallieri. Insibu wkoll immigrant imniżżel bħala *massar*, ix-xogħol ta' dan kien li jissorvelja artijiet kbar rurali li ħafna drabi kienu jkunu proprjetà ta' l-Ordni. Finalment insibu wkoll lill-*barberotto*. Dan kien ikun student ta' l-aħħar sena tal-mediċina li fost l-oħrajn kien jitħarreġ waqt li jgħin lil xi tabib.

*Konklużjoni*

B'hekk tajna ħarsa ħafifa lejn uħud mix-xogħolijiet li twettqu mill-immigranti li ġew fostna fis-sekli sittax u sbatax. Żgur li l-varjetà ta' dawn ix-xogħoljiet turi biċ-ċar kemm dawn il-barranin għenu biex il-Gżejjer Maltin jiżviluppaw minn kull lat, l-aktar fl-oqsma soċjali u ekonomiċi. Diġà semmejna li ħafna minnhom stabbilew ruħom fl-ibliet ta' madwar il-port, fejn ix-xogħol tagħhom kien l-aktar ikkonċentrat, u fil-fatt dan wassal biex jinħolqu differenzi kbar bejn l-ibliet u l-irħula rurali. Wieħed minn dawn l-irħula kien Ħal Qormi li minkejja li kien avvanzat aktar minn irħula oħra f'dawn iż-żminijiet, l-iżvilupp tiegħu xorta ma jistax jitqabbel ma' l-ibliet ta' madwar il-port. Fir-raħal, wara kollox ftit li xejn kont issib barranin u dan jidher biċ-ċar mill-atti taż-żwieġ ta' bejn l-1563 u l-1634. ħdax -il barrani biss resqu biex jiżżewġu fil-parroċċa ta' San Ġorġ f'dawn iż-żminijiet u wara li għamlu dan, huma rabbew familja u għammdu t-tfal tagħhom f'Ħal Qormi.

*Referenzi*
1) A.C.M.- *Status Liberi* (31 volum) (1579-1642)
2) Arkivji Parrokkjali Hal Qormi- magħmudijiet, żwiġijiet u mwiet (1563-1634).
2) Borġ A.P. "Qormi 1560-1635: A Demographic Overview" B.A. (Hons.), 1999.
3) Borġ A.P. "Migration and Mobility in Early Modern Malta- The city of Valletta as a case-study" M.A., 2003.
4) Grima, J.F.,'The Galley Squadron of the Order of St John: Its Organisation between 1596 and 1645.' M.A., 1975.